MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1136/2004

**Mae Fiteni**

**vs**

**Joseph Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm275) rappresentanti danni kkawzati fil-vettura proprjeta ta'l-attrici meta fit-23 ta' Marzu 2004 fi Triq Fleur de Lys B'Kara l-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBC 898 tal-marka Kia habat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAC 234 tal-marka Mazda proprjeta ta'l-attrici bil-konsegwenza li l-attrici garrbet hsarat fil-vettura proprjeta taghha, u dana prevja

dikjarazzjoni li din il-kollizzjoni grat minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tgal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’l-avviz u ta’l-ittra legali datata 7 ta’ April 2004 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Wara li ra li ghalkemm awtorizzat sabiex jipprezenta r-risposta tieghu b’digriet tas-17 ta’ Settembru 2004 fi zmien hmistax-il jum, l-konvenut naqas li jaghmel dan fiz-zmien moghti.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-6 ta’ Ottubru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm275), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------